SAN LAWRENZ

Il-minuti tat-tmienja u tletin laqgha li nzammet nhar l-Erbgha 18 ta' Dicembru 2013 fit-8:15 ta' filghodu fl-ufficju tal-Kunsill.

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Anthony Formosa |
| **Vici Sindku:** | Anthony Cassar |
| **Kunsilliera:** | Michelina Mercieca |
| | John Mercieca |
| | Rose Vella |

**Segretarju Ezekuttiv:** Lucienne Haber

Skuzat: Ambaxxatur: Jason Theuma

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Laqgha mal-Perit Shawn Micallef rigward il-permess tal-MEPA sabiex issir manutenzjoni lir-rampa wara t-Torri tad-Dwejra**

3.1 Ghal din il-laqgha kien mistieden il-Perit Shawn Micallef fejn irrefera ghall-akkwist tal-permess tal-MEPA sabiex issir l-ewwel parti mill-passagg ta' wara t-Torri tad-Dwejra. Huwa semma' li bhalma kien sar qbil fil-laqghat ta' qabel, il-Kunsill applika ghar-rampa biss f'dan l-istadju bhala esperiment biex eventwalment, hekk kif ix-xoghol isir tajjeb u skond l-ispecifications mitluba mill-MEPA, nkunu nistghu nestendu l-progett f'fazi.

3.2 Saret referenza ghall-ittra minghand id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali li ghad fadal €2500 li kien ha skond Memo 7/2010 li jistghu jintefqu fi progett ta' access fid-Dwejra u ghalhekk dawn il-fondi jistghu jintuzaw hemmhekk.

3.3 Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju ghandu jikteb lil Ministru ghal Ghawdex u jikkopja lid-Direttur Joseph Portelli fejn nitolbuh l-ghajnuna f'dan il-progett u fl-istess hin sar qbil li ghandha tintbghat talba lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jestendi l-access tal-fondi stipulati fuq Memo 7/2010.

**4.0 L-indafa fil-lokal**

4.1 Is-Sindkju rrefera ghal-fatt li –Kunsill ma ghadx ghandu haddiema tal-id mieghu u ghal fatt li l-lokal issa spicca minghajr kennies, huwa sahaq li ma nistghux inkomplu mexjin hekk ghax qed jidhlu hafna lmenti mir-residenti.

4.2 Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward ghandu jikteb ittra lill-Ministeru ghal Ghawdex u jitolbu l-ghajnuna tieghu permezz ta' kennies u sar qbil ukoll li ghandna tinhareg sejha ghall-kennies fil-lokal.

**5.0 L-istima tad-diesel tal-generator tad-Dwejra**

5.1 Bhala stima tal-fuel ghall-generator tad-Dwejra, dahlet stima wahda biss minghand Grima Fuel Supplies Ltd ghal prezz ta'

Option 1 – Diesel €1.36 kull litru nkluz il-VAT u delivery

Option 2 – Gasoil - €1.32 kull litru nkluz il-VAT u delivery

5.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jiccekkja mas-supplier u jara liema tip ta' fuel jiehu l-generator u jimxi mal-istima. Sar qbil li ghandha tinhareg il-Letter of Acceptance ghal din l-istima.

**6.0 Attivitajiet tal-Milied**

6.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza l-attivita' annwali tal-anzjani nhar it-Tnejn 23 ta' Dicembru fid-Downtown Restaurant.

6.2 Sar qbil ukoll li l-attivita' annwali tat-tfal issir fic-Centru Parrokjali peress li s-Sala tal-iskola Primarja mhix available nhar il-Hamis 26 ta' Dicembru 2013.

6.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza ikla tal-Milied ghal-Kunsilliera u l-istaff nhar it-30 ta' Dicembru 2013.

**7.0 Materji ohra**

7.1 Il-Kunsillier John Mercieca staqsa dwar kemm gie jiswa l-festun tad-dawl tal-Milied li sar fl-entratura tal-lokal. Is-Sindku semma li gie jiswa €220.

7.2 Sar qbil li ghandu jinhareg avviz sabiex hadd ma johrog l-iskart tieghu qabel il-hinijiet stipulati ghall-gbir tal-iskart.

7.3 Tqajmet il-kwistjoni dwar il-hajt li hemm fi Sqaq San Lawrenz u ghal fatt li sabiex isir il-pavimentar da n il-hajt irid jitnehha. Peress li qed isir bini minn danil-hajt il-gewwa, jista' jkun il-fatt li hemm kwistjoni ta' exproprjazzjoni. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward ghandu jiehu parir legali kif ghandna nipprocedu bix-xogholijiet.

7.4 Il-kunsillier John Mercieca gibed l-attenzjoni sabiex tissewwa' il-hofra li saret quddiem l-isqaq fi Triq it-Torri. Sar qbil li ghandna nghidu lill-kuntrattur Joe Grima sabiex isewwiha hu peress li saret minnu waqt l-andament tax-xoghol.

**8.0 Approvazzjoni tal-pagamenti**

8.1 Giet prezentata l-iskeda tal-pagamenti u gew approvati.

Il-laqgha ntemmet b'talba fid-9:30 ta' filghodu.

*Anthony Formosa*

*Sindku*

*Lucienne Haber*

*Segretarju Ezekuttiv*